**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **26 TA' MARZU 2017**

## Quddiesa ta' filgħaxija matul il-ġimgħa

Infakkrukom li ma sbiħ il-Ħadd naqilbu għall-ħin tas-sajf (immexxu l-arloġġ siegħa 'l quddiem). Il-ħin tal-quddiesa ta' filgħaxija matul il-ġimgħa jibda jkun fis-6:30pm.

## Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha

Il-Ħadd 26 ta' Marzu 2017 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

## Quddiesa fi tmiem il-Kors ta' Kana 2017

Il-Ħadd 26 ta' Marzu 2017 jiġi fi tmiemu l-Kors ta' Kana b'quddiesa fis-Sala Sant'Anna fl-10:00am. Nirringrazzjaw lill-koppji mexxejja u nawguraw lil 22 koppja għarajjes li ħadu sehem.

## ACIES – Legion of Mary

Il-Ħadd 26 ta' Marzu 2017 fl-4.15pm quddiesa fil-Parroċċa tagħna mill-membri tal-Legion of Mary biex iġġeddu l-wegħda Leġjonarja. Kulħadd huwa mistieden.

## Adorazzjoni tal-Ħniena Divina

It-Tnejn 27 ta' Marzu 2017 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

## Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom

It-Tnejn 27 ta' Marzu 2017 fis-6.30pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara. Se nkomplu niddiskutu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilita' u kif jistgħu jgħixu ħajjithom fil-komunità.

## Laqgħa għall-Ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof

It-Tnejn 27 ta' Marzu 2017 il-ġenituri tal-Adoloxxenti li se jagħmlu l-Griżma tal-Isqof din is-sena se jkollhom laqgħa fis-7:00pm il-Museum fejn jattendu għad-duttrina.

## Lectio Divina

It-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fis-7.00pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fit-8.00pm. Inħeġġiġkom sabiex iġibu magħkom il-Bibbja.

**Quddiesa u *Buffet Breakfast***

Il-Ġimgħa 31 ta' Marzu 2016 wara l-quddiesa tat-7.45am qed norganizzaw *buffet breakfast* fl-lukanda San Ġiljan. Nitilqu minn quddiem is-Sala Sant'Anna u nkunu lura Wied il-Għajn fis-1.00pm. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.

**Via Sagra fi Triq il-Gross Bellavista**

Il-Ġimgħa 31 ta' Marzu 2017 bħala Parroċċa ser nagħmlu Quddiesa u Via Sagra fi Triq il-Gross Bellavista. Nibdew fis-7.15pm bil-Quddiesa fi triq li tidħol għalija minn quddiem l-Inspire u wara Via Sagra fl-istess triq. Kulħadd huwa mistieden.

**Via Sagra animata għat-tfal**

Is-Sibt 1 ta' April 2017 il-Kumissjoni Djoċesana Tfal ser torganizza Via Sagra adattata għat-tfal fil-ġonna tal-Palazz Verdala, il-Buskett. Fil-5.00pm qed norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna. It-tfal li jixtiequ jitilgħu magħna jiktbu isimhom fis-sagristija sal-Erbgħa 29 ta' Marzu 2017 biex inkunu nistgħu nordnaw it-trasport.

**Għaqda Mużikali Sant'Anna**

Is-Sibt 1 ta' April 2017 l-Għaqda Mużikali Sant'Anna ser torganizza *pasta night* fis-Sala Sant'Anna fit-8:00pm.

**Eżerċizzi għall-koppji**

Mit-Tnejn 3 ta' April sal-Ġimgħa 7 ta' April ser issiru l-eżerċizzi għall-koppji fis-7:15pm fil-Knisja Parrokkjali. Nħeġġu lill-miżżewġin u lil dawk li qed jibnu familja sabiex jattendu għall-eżerċizzi. Fis-Sala Sant'Anna jkun hemm min jieħu ħsieb lit-tfal. Ser imexxi l-eżerċizzi Dun David Cilia, saċerdot li jaħdem fit-Tribunal tal-Knisja.

**Mother and Baby Club**

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Għid nhar l-Erbgħa 5 ta' April 2017. Biljetti mill-Mother and Baby Club nhar ta' Erbgħa mis-Sala Sant Anna.

**Figolli**

Fuq iz-zuntier qed jinbiegħu l-figolli magħmulin mill-helpers tal-parroċċa tagħna. Filwaqt li nirringrazzjaw lill-voluntiera tagħna napprezzaw jekk ikun hawn min joffri xi lumi. Grazzi.

**Via Sagra**

Matul ir-Randan nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa jkollna t-talba tal-Via Sagra fil-Knisja Parrokkjali, għalhekk fil-5.15pm jkollna t-talba tar-Rużarju u fil-5.30pm il-Via Sagra.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Marzu 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.